**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**SEDE CIVILI**

**ONOR. MAGISTRAT DR. DENNIS MONTEBELLO LL.D.**

**SEDUTA MIZMUMA LLUM 7 TA' DICEMBRU 2001**

Avviz nru: 755/01

Pro-Eng Limited

Vs

Jonathan Grima ezercitanti l-kummerc taht l-isem Ta' Mari Roz Restaurant

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema il-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' tlett elef , disa` mija u erbgha u erbghin Lira Maltin u hamsa u disghin centezmi (Lm3,944.95), ammont rapprezentanti bilanc ta' sitt (6) kambjali regolarment skaduti u dovuti, liema ammont baqa` ma thallasx.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 9 t'Awissu 2001, tal-Mandat Kawtelatorju numru 2116/01, 2117/01, u interessi

legali mid-data ta' l-iskadenza tal-kambjali rispettivi sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota prezentata illum mill-kumpanija attrici permezz ta' liema l-ammont mitlub gie ridott ghas-somma ta' tlett elef, mija u ghoxrin lira Maltin u hamsa u disghin centezmi (Lm3,120.95).

Rat il-kambjalijiet originali esebiti illum stess.

Fuq ammissjoni tal-konvenut permezz ta' nota prezentata illum stess fl-awla, il_Qorti tilqa` it-talba attrici u tikkundanna lil konvenut sabiex ihallas lil attur is-somma mitluba ta' tlett elef, mija u ghoxrin lira Maltin u hamsa u disghin centezmi (Lm3,120.95).

Bl-imghaxijiet legali b'effett mit-30 ta' Gunju tas-sena 2001 u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Mag. Dr. D. Montebello B.A., LL.D.

S. Farrugia
Dep/Reg